MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1323/2003

Kawza fil-lista: 50

**A B**
**vs**
**C D, E sive F D, id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati b' zewg digriet datati rispettivament 5 ta' Jannar 2004 u 15 ta' Marzu 2005**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi fl-14 ta' Gunju 2003 twieldet tifla, G, skond certifikat tat-twelid bin-numru 2182 tas-sena 2003 (anness u mmarkat bhala Dok. A);

U premess illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi l-missier tat-tarbija hu l-konvenut E sive F D, fil-fatt il-minuri gie koncepit fil-kors ta’ relazzjoni li l-attur kellu mal-konvenuta C D;

U premess illi l-attur A B jitratta l-minuri G bhala bintu, jahseb ghall-manteniment u edukazzjoni tal-istess minuri, u l-minuri hija maghufa bhala bint l-attur minn nies;

U premess illi l-parternita’ tal-minuri G tista’ tigi stabbilita permess ta’ testijiet genetici apposta;

U premess illi l-attur ghandu interess li jigi rikonoxxut bhala missier it-tifla G;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex, ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali tat-tifla G li twieldet fl-14 ta’ Gunju 2003;

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri G (Att Nru 2182 tal-2003) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier G tikkancella l-isem ‘F (E) D’ u tissostitwih bl-isem ‘ A B’ u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghal l-eta’, ghall-post tat-twelid u ta’ residenza, u ghal isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b’dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri wara li jkunu hekk edotti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jekk it-talbiet attrici jigu milqugha l-attur A B ikun irid jitnizzel bhala *“missier illegittimu”* u l-kliem *“the said”* iridu jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

3. Illi l-attur A B ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha tieghu biex jekk it-talbiet attrici jigu milqugha dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati ta’ dawn il-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat in-nota prezentata mill-konvenuta C D li biha ammettiet it-talbiet attrici;

Rat il-verbal maghmul mill-konvenut E D tramite l-Avukat Difensur tieghu li huwa jaqbel li t-tifla imsemmija fic-citazzjoni mhijex il-wild naturali tieghu;

Rat ir-rapport tal-espert xjentifiku Dottor Renald Blundell minnu debitament mahluf [fols.60 et seq];

Rat id-deposizzjoni moghtija mill-attur fis-26 ta’ Jannar 2006 fejn dan ikkonferma li huwa ghandu karta ta’ l-identita’ numru 0438876[m], bin Anthony B [haj], imwieled

il-Pieta’ u li kellu 26 sena fid-data tat-twelid tat-tarbija u f’ dak iz-zmien kien joqghod Haz Zabbar;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li t-tifla G li twielded fl-14 ta’ Gunju 2003 hija l-wild naturali tieghu, u mhux tal-konvenut E sive F D kif erroneament indikat fl-Att tat-Twelid relattiv li jigib in-numru 2182 tas-sena 2003.

Illi mill-provi rrizulta li fis-sena 1996 il-konvenuta C D sseparat de facto minn ma’ zewgha l-konvenut E D u minn dak in-nhar ma kien hemm ebda rikonciljazzjoni bejniethom u ghexu dejjem separati minn xulxin. Sussegwentement saret taf lill-attur A B, u mir-relazzjoni ta’ bejniethom twieldet it-tifla G. L-attur fl-affidavit tieghu jghid: “Jiena u C D noqghodu flimkien u maghna toqghod ukoll it-tifla taghna [G]. Jiena niehu hsieb it-tifla, nhallas ghall-ispejjez taghha; [u] hija maghrufa minn kulhadd bhala binti. Il-familja tieghi jaccettaw lit-tifla bhala binti wkoll.”[fol.38].

Illi t-tesi attrici hija konfermata wkoll mir-rapport xjentifiku li jeskludi lill-konvenut E D bhala l-missier naturali tat-tifla G, u jikkonferma l-paternita’ ta’ l-attur.

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali tat-tifla G li twieldet fl-14 ta’ Gunju 2003; u konsegwenzjalment tordna d-debita korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid numru 2182/2003 fis-sens li l-isem tal-konvenut “F [E] D” flimkien mal-konnotati tieghu jigu kkancellati u sostitwiti bl-isem ta l-attur A B missier illegittimu flimkien mal-konnotati tieghu kif fuq riportati.

Inoltre, tordna li l-kelma “said” tigi kancellata minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm.

L-ispejjez jibqghu kongunti bejn l-attur u l-konvenuta C D fi kwoti ndaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------